MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 103/2013/1

**Repubblika ta' Malta**

***v.***

**Rafal Zelbert**

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali u appell inċidentali ta’ Rafal Zelbert [“Zelbert”] minn sentenza mogħtija fit-3 ta’ Ottubru 2014 mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali wara referenza magħmula mill-Qorti Kriminali dwar jekk id-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali taħt l-art. 22(2) tal-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi [“Kap. 101”] u l-art. 120A(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha [“Kap. 31”] tiksirx il-jeddijiet fondamentali ta’ Zelbert imħarsa taħt l-art. 7 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”].

2. Il-fatti relevanti huma dawn: Zelbert kien mixli b’assoċjazzjoni ma’ oħrajn biex jimporta u jittraffika l-eroina u l-kokaina f’Malta, b’import-azzjoni klandestina ta’ *Diazepam*, u b’pussess ta’ *Diazepam* f’ċirko-stanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklusiv tiegħu. Aktar ’il quddiem ġie mixli wkoll b’importazzjoni u pussess ta’ eroina u kokaina. Hu tressaq quddiem il-Qorti Kriminali wara li l-Avukat Ġenerali nqeda bis-setgħa tiegħu taħt l-art. 22(2) tal-Kap. 101 u l-art. 120A(2) tal-Kap. 31 li jagħżel iressqux quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Maġistrati.

3. Waqt is-smigħ tal-eċċezzjonijiet preliminari Zelbert talab li l-qorti tagħmel referenza kostituzzjonali dwar jekk id-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali taħt il-liġijiet fuq imsemmija tiksirx id-drittijiet imħarsa taħt l-

art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-artt. 6 u 7 tal-Konvenzjoni. B'dikriet tas-17 ta' Diċembru 2013 l-ewwel qorti hekk iddeċidiet dwar it-talba għal referenza kostituzzjonali:

> "... ... ... il-qorti qed tiċħad li tagħmel xi riferenza kostituzzjonali sa fejn l-artikoli msemmijin fil-paragrafu 7 ta' dan id-digriet [*viz.* l-art. 120A(2) tal-Kap. 31 u l-art. 22(2) tal-Kap. 101] jilledu xi dritt ta' smigħ xieraq taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.
>
> "Iżda qed tirreferi l-kwistjoni jekk l-artikoli 120A(2) tal-Kap. 31 u l-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 jilledux jew le xi dritt tar-rikorrent skond l-artikoli 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem."

4. L-ewwel qorti, wara li iċċitat siltiet mis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' Camilleri *v.* Malta[1], is-sentenza ta' din il-qorti fl-ismijiet Joseph Camilleri *v.* Avukat Ġenerali[2], u s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Mario Camilleri *v.* Avukat Ġenerali[3], wieġbet hekk għar-referenza lilha magħmula:

> "... ... ... twieġeb il-kweżit tal-Qorti Kriminali fis-sens li ssib li l-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 u l-artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 (li jagħtu diskrezzjoni lill-Avukat Ġenerali jiddeċiedi jekk akkużat għandux jidher quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jivvjolaw f'dan il-każ l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem."

5. Minn din is-sentenza appella l-Avukat Ġenerali b'rikors tas-26 ta' Mejju 2014 u ressaq ukoll appell inċidentali Zelbert fit-tweġiba tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2014.

---

[1] 22 ta' Jannar 2013, rik. 42931/10.

[2] 1 ta' Lulju 2013, rik. kost. 11/2013.

[3] 9 ta' Lulju 2013, rik. kost. 84/2011.

6. Wara li saru l-appell u l-appell inċidentali l-Qorti Kriminali b'dikriet tat-3 ta' Ottubru 2014 iddeċidiet illi Zelbert kellu jiġi iġġudikat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, li b'sentenza tat-18 ta' Novembru 2014 sabitu mhux ħati tal-akkużi relativi għal eroina u kokaina iżda ħati tal-akkużi relativi għal *Diazepam*, u ikkundannatu għal erba' snin u nofs priġunerija u multa ta' tmint elef euro (€8,000).

7. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ladarba l-proċess ma għadux quddiem il-Qorti Kriminali u għalhekk ma għad hemm ebda interess ġuridiku li dik il-qorti jkollha tweġiba għall-mistoqsija li hi għamlet bir-referenza fuq imsemmija, ma għadux meħtieġ illi din il-qorti tqis l-appell u l-appell inċidentali.

8. Ladarba dan l-episodju kien provokat bid-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li jressaq lil Zelbert quddiem il-Qorti Kriminali, u dik id-deċiżjoni ġiet imħassra mill-istess Qorti Kriminali bid-dikriet tat-3 ta' Ottubru 2014, l-ispejjeż tal-ewwel grad għandu jħallashom l-Avukat Ġenerali. L-ispejjeż tal-appell iżda għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet billi ebda parti ma ċediet l-appell jew l-appell inċidentali wara li, bis-saħħa tad-dikriet tat-3 ta' Ottubru 2014, ma baqax interess fir-referenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------